# IL-KWADRU TITULARI TAL-KNISJA TA' SANTU ROKKU, BIRKIRKARA

**Kitba ta' John Tonna**

Għalkemm il-Knisja ta' Santu Rokku ġġib l-isem ta' dan il-qaddis, il-kwadru titulari jirrappreżenta lill-Madonna tal-Grazzja flimken ma' Santu Rokku u San Bastjan, qaddisin protetturi kontra l-mard tal-pesta. Dan il-kwadru huwa antik ħafna u nħass il-bżonn li jiġi rrestawrat. Għalhekk is-sena l-oħra dan il-kwadru kien lest mir-restawratur u reġa' daħal solennement fil-Knisja ta' Santu Rokku b'ferħ liema bħalu. Mingħand ir-restawratur ħadnieh il-Parroċċa ta' San Bastjan, fejn għamel ġimgħa espost f'din il-Parroċċa. Nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Settembru 2002, fis-6.30pm, saret konċlċbrazzjoni mmexxija minn Dun Joe Borg, saċerdot li jqaddes fil-Knejjes ta' Birkirkara, u wara l-kwadru ittieħed b'*carcade* minn Ħal Qormi għall-Knisja ta' San Franġisk (Sant Antnin) f'Birkirkara.



L-Erbgħa, 11 ta' Settembru, għeluq is-sena mit-traġedja li kienet saret fl-Amerika, fis-6.30pm, sar Pontifikat mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Nikol Cauchi, Isqof t'Għawdex, u wara l-kwadru ttella' f'pellegrinaġġ lejn il-Knisja ta' Santu Rokku. Quddiem il-knisja saret Ċelebrazzjoni Marjana u Ċelebrazzjoni Ewkaristika minn Mons. Isqof u ġew ippreżentati t-tfal quddiem i-xbieha tal-Madonna tal-Grazzja.

Ta' kull sena ssir funzjoni sabiħa tat-tberik tal-muturi minħabba li l-Madonna tal-Grazzja hija l-patruna taċ-ċiklisti. Għalhekk, fit-tieni Ħadd ta' Settembru, fid-9.45am jitbierku l-muturi quddiem il-Knisja ta' Santu Rokku u wara l-pellegrinaġġ jibqa' sejjer Ħaż-Żabbar, fejn, f'din il-parroċċa, dak in-nhar tkun qiegħda tiġi ċċelebrata l-festa tal-Madonna tal-Grazzja.

Tajjeb insemmu wkoll l-istorja meta ġejna biex nirrestawraw il-kwadru u eventwalment meta ġejna biex inpoġġuh f'postu. Meta ħadna l-kwadru għand ir-restawratur, sibna li l-kwadru kien mitwi biex jidħol fil-post tiegħu, iżda waqt ir-restawr ġie miftugħ u rrestawrat kollu. Meta kien lest, ma ridniex li nerġgħu nitwuh għaliex kieku konna nerġgħu nitilfu l-opra kompluta li saret. Pero', minħabba li ħallejnieh sħiħ, inqalgħet il-problema li ma daħalx fil-post oriġinali tiegħu peress li kiber. Wara studju li sar, intlaħqet il-konklużjoni li jiddaħħal ftit il-ġewwa biex b'hekk ikun jista' jitgawda kollu kemm hu, u b'hekk ġew jidhru dawk il-partijiet li qabel ir-restawr kienu mgħottija. B'dan ir-restawr, f'Birkirkara salvajna opra oħra antika.